VERŻJONI ELETTRONIKA

A.L. 7 tal-2018

ORDINANZA DWAR IR-REGOLAMENT TAT-TRAFFIKU (KAP. 65)

ATT DWAR L-AWTORITÀ GĦAT-TRASPORT F'MALTA (KAP. 499)

Regolamenti tal-2018 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Vetturi bil-Mutur (Liċenzi tas-Sewqan)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 54 tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku u bl-artikolu 43 tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, il-Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapital, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2018 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Vetturi bil-Mutur (Liċenzi tas-Sewqan), u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Vetturi bil-Mutur (Liċenzi tas-Sewqan), hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 65.18

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 2017.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Minnufih wara t-tifsira "awtorizzazzjoni" fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Bord dwar il-Petizzjonijiet" tfisser il-Bord imwaqqaf bir-regolament 3 tar-Regolamenti dwar Petizzjonijiet quddiem it-Tribunali Lokali;". L.S. 291.04

Iżid regolamenti ġodda mar-regolamenti prinċipali.

3. Minnufih wara r-regolament 36 tar-regolamenti prinċipali għandhom jiżdiedu r-regolamenti ġodda li ġejjin:

"Applikabilità ta' sistema ta' punti ta' penali lid-detentur ta' liċenza tas-sewqan sħiħa.

36A. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dawn ir-regolamenti dwar is-sistema ta' punti ta' penali li tapplika dwar liċenza tas-sewqan bi prova, u salv kif previst mod ieħor fir-regolament 36D, sistema ta' punti ta' penali għandha tapplika lid-detenturi ta' liċenza tas-sewqan sħiħa.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Il-punti ta' penali jitniżżlu fuq il-kontroparti tal-liċenza tas-sewqan sħiħa.

36B. (1) Għal kull kontravvenzjoni, għandhom jiġu imposti mill-Qorti tal-Maġistrati jew mill-Kummissarji tal-Ġustizzja, skont kif ikun il-każ, punti ta' penali kif indikat fis-Sitt Skeda, u dawn għandhom jiġu mniżżla f'*database* komputerizzata li għandha titwaqqaf għal dan il-għan mill-Awtorità.

(2) Fejn id-detentur jammetti r-reat u jħallas il-penali pekunjarja rilevanti skont il-proċedura speċjali stabbilita fl-artikolu 62 tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku jew fl-artikolu 14 tal-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja, kif ikun il-każ, l-Awtorità għandha tniżżel, fid-*database* komputerizzata li għandha titwaqqaf minnha għal dan il-għan, il-punti minimi ta' penali kif indikat fis-Sitt Skeda għar-reat partikolari.

Kap. 65.
Kap. 291.

(3) Meta detentur ta' liċenza tas-sewqan sħiħa jintalab biex jidher quddiem qorti jew tribunal mixli li jkun ikkommetta reati li jinsabu fis-Sitt Skeda, hu għandu jkollu fuqu l-liċenza tas-sewqan u l-Maġistrat jew il-Kummissarji għall-Ġustizzja għandhom is-setgħa li jikkonfiskaw l-imsemmija liċenza jekk il-punti totali ta' penali skond ma jirriżulta mid-*database* li għandha titwaqqaf mill-Awtorità flimkien mal-punti ta' penali imposti bis-sentenza mogħtija minn dak il-Maġistrat jew Kummissarju għall-Ġustizzja jammontaw għal tnax jew aktar akkumulati waqt il-perjodu preċedenti ta' tnax-il xahar:

Iżda l-konfiska tal-liċenza m'għandhiex tidħol fis-seħħ f'każ illi l-persuna misjuba ħatja tiddikjara illi trid tappella mis-sentenza jew tippreżenta petizzjoni quddiem il-Bord dwar il-Petizzjonijiet. Din id-dikjarazzjoni għandha ssir bil-miktub permezz ta' nota li tinżamm mir-reġistratur tal-Qorti jew Tribual, skond il-każ, u għandha tiġi kommunikata minnufih lill-Awtorità li għandha tirreġistra dan il-fatt fid-*database* komputerizzata li għandha titwaqqaf minnha għal dan il-għan.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Revoka ta' liċenza tas-sewqan meta l-punti ta' penali jaqbżu l-massimu li jkun permess.

36Ċ. Liċenza tas-sewqan sħiħa tiġi revokata jekk, fi kwalunkwe żmien matul kwalunkwe perjodu ta' tnax-il xahar, id-detentur tagħha jkollu b'kollox tnax-il punt ta' penali jew aktar.

Possibbiltà li jitnaqqas in-numru ta' punti tal-penali.

36D. Kwalunkwe detentur ta' liċenza tas-sewqan sħiħa jew ta' liċenza tas-sewqan bi prova jista' jkollu n-numru ta' punti tal-penali mniżżla fuq ismu mnaqqas b'50% fi kwalunkwe żmien jekk huwa jattendi għal kors dwar attenzjoni għas-sigurtà approvat mill-Awtorità u jgħaddi minn test li għandu jitħejja għal dan il-għan mill-Awtorità. Persuna tista' tattendi għal dan il-kors kull sentejn biss.

Effetti ta' revoka u applikazzjoni mill-ġdid għal liċenza tas-sewqan.

36E. (1) Ir-regoli li ġejjin għandhom japplikaw għal sewwieq li l-liċenza sħiħa tiegħu tkun ġiet revokata bis-saħħa tar-regolament 36C:

(a) fejn il-liċenza tas-sewqan tkun ġiet revokata għall-ewwel darba s-sewwieq għandu, malli japplika, jingħata liċenza tas-sewqan ġdida wara li jiskadi l-perjodu ta' xahrejn mill-imsemmija revoka mingħajr il-ħtieġa li jagħmel test tas-sewqan;

(b) fejn il-liċenza tas-sewqan tkun ġiet revokata għat-tieni darba f'perjodu ta' tlett snin is-sewwieq jista' japplika biss għal liċenza tas-sewqan wara li jiskadi l-perjodu ta' xahrejn minn dik ir-revoka billi jissottometti applikazzjoni ġdida skont it-Taqsima III;

(ċ) fejn il-liċenza tas-sewqan tkun ġiet revokata għat-tielet darba fi żmien perijodu ta' ħames snin is-sewwieq jista' japplika għal liċenza tas-sewqan ġdida billi jissottometti applikazzjoni ġdida skont it-Taqsima III wara li jkun skada l-perijodu ta' sena minn dik ir-revoka jew ta' perijodu ieħor iqsar, li ma jkunx inqas minn sitt xhur, skond kif it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva, wara rikors li jiġi ppreżentat mis-sewwieq, jista' jiddeċiedi;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(d) fejn il-liċenza tas-sewqan tkun ġiet revokata għar-raba' darba fi żmien perjodu ta' seba' snin is-sewwieq ikun jista' japplika biss għal liċenza tas-sewqan billi jissottometti applikazzjoni ġdida skont it-Taqsima III jekk ikun hekk awtorizzat b'sentenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, liema awtorizzazzjoni ma tistax tingħata qabel ma jiskadi l-perjodu ta' sentejn minn dik ir-revoka.

(2) L-applikazzjoni li tista' ssir skont il-paragrafu (ċ) u, jew (d) tas-subregolament (1) għandha tiġi preżentata mis-sewwieq li l-liċenza tas-sewqan tiegħu tkun ġiet irrevokata bħala appell mill-aħħar deċiżjoni tal-Awtorità li biha jiġi mgħarraf bir-revoka tal-liċenza tas-sewqan tiegħu.

Punti penali jistgħu jiġu mposti biss fuq is-sewwieq.

36F. Il-punti penali, kemm dwar liċenza tas-sewqan bi prova kif ukoll dwar liċenza tas-sewqan sħiħa jistgħu jiġu mposti biss dwar il-liċenza tas-sewqan tal-persuna li tkun wettqet il-kontravvenzjoni li ġġib dawk il-punti penali u xejn f'dawn ir-regolamenti ma għandu jigi interpretat bħala li jagħti xi setgħa biex jiġu imposti punti penali fuq liċenza ta' xi persuna biss minħabba l-fatt li vettura bil-mutur li biha tkun twettqet kontravvenzjoni tkun reġistrata f'isem dik il-persuna.".

Jissostitwixxi r-regolament 40 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 40 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Il-punti ta' penali jitniżżlu fuq il-kontroparti tal-liċenza tas-sewqan

40. (1) Għal kull kontravvenzjoni, għadhom jiġu imposti mill-Qorti tal-Maġistrati jew mill-Kummissarji tal-Ġustizzja, skond il-każ, punti ta' penali kif jidher fis-Sitt Skeda, u dawn jiġu mniżżla f'*database* komputerizzata li għandha titwaqqaf għal dan il-għan mill-Awtorità.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(2) Fejn id-detentur jammetti r-reat u jħallas il-penali relevanti skond il-proċedura speċjali stabbilita fl-artikolu 62 tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku jew fl-artikolu 14 tal-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja, kif ikun il-każ, l-Awtorità għandha tniżżel, fid-*database* komputerizzata li għandha titwaqqaf minnha għal dan il-għan, il-punti minimi ta' penali kif indikat fis-Sitt Skeda għall-kontravvenzjoni partikolari.

Kap. 65.

Kap. 291

(3) Meta detentur ta' liċenza tas-sewqan jintalab biex jidher quddiem qorti jew tribunal dwar reati li jidhru fis-Sitt Skeda, hu għandu jkollu fuqu l-liċenza tas-sewqan u l-Maġistrat jew il-Kummissarju għall-Ġustizzja għandhom is-setgħa li jikkonfiskaw l-imsemmija liċenza jekk il-punti ta' penali skond ma jirriżulta mid-*database* li għandha titwaqqaf mill-Awtorità flimkien mal-punti ta' penali miżjuda bis-sentenza mogħtija minn dak il-Maġistrat jew Kummissarju għall-Ġustizzja jitilgħu għal tnax-il punt jew aktar:

Iżda l-konfiska tal-liċenza m'għandhiex tidħol fis-seħħ f'każ illi l-persuna misjuba ħatja tiddikjara illi trid tappella mis-sentenza jew tippreżenta petizzjoni quddiem il-Bord dwar il-Petizzjonijiet. Din id-dikjarazzjoni għandha ssir bil-miktub permezz ta' nota li tinżamm mir-reġistratur tal-Qorti jew Tribual, skont il-każ, u għandha tiġi kommunikata minnufih lill-Awtorità li għandha tirreġistra dan il-fatt fid-*database* komputerizzata li għandha titwaqqaf minnha għal dan il-għan.".

Jemenda s-Sitt Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

4. Is-Sitt Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) minflok il-partiti:

"

CU-1	Użu ta' vettura bi brejkijiet difettużi	3
CU-2	Użu ta' vettura b'*tyre/s* difettużi	3
CU-3	Użu ta' vettura bi *steering* difettuż	3
CU-4	Kawża ta' periklu jew x'aktarx kawża ta' periklu minħabba fit-tagħbija jew il-passiġġieri	3

VERŻJONI ELETTRONIKA

"

għandhom jidħlu l-partiti ġodda li ġejjin:

"

CU-1	Użu ta' vettura bi brejkijiet difettużi	2
CU-2	Użu ta' vettura b'*tyre/s* difettużi	2
CU-3	Użu ta' vettura bi *steering* difettuż	2
CU-4	Kawża ta' periklu jew x'aktarx kawża ta' periklu minħabba fit-tagħbija jew il-passiġġieri	2

";

(b) minflok il-partiti:

"

RD-2	Qtil ta' persuna mingħajr intenzjoni jew omiċidju kolpevoli waqt sewqan	3-11
RD-3	Kawża ta' mewt minħabba sewqan perikoluż	3-11

"

għandhom jidħlu l-partiti ġodda li ġejjin:

"

RD-2	Qtil ta' persuna mingħajr intenzjoni jew omiċidju kolpevoli waqt sewqan	3-12
RD-3	Kawża ta' mewt minħabba sewqan perikoluż	3-12

";

(ċ) minflok il-partita:

"

MS-1	Daqq ta' ħsejjes elettroniċi qawwijin minn vettura	3 - 6

"

għandha tidħol il-partita ġdida li ġejja:

"

MS-1	Daqq ta' ħsejjes elettroniċi qawwijin minn vettura	3

"; u

(d) minflok il-partita:

VERŻJONI ELETTRONIKA

"

MS-3	Sewqan mingħajr ċintorin tas-sigurtà	3 - 6

"

għandha tidħol il-partita ġdida li ġejja:

"

MS-3	Sewqan mingħajr ċintorin tas-sigurtà	3

"; u

(e) il-partita

"

TS-8	Nuqqas ta' tħaris ta' ordni ta' kuntistabbli/ gwardjan lokali	3

",

għandha titħassar.